MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 258/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**N. Ciantar & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u wiehed u sebghin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM2,071.39,0), ammont rapprezentanti minnha dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici numri 21240575, 21240510, 21240553, 21240521, 334439, 322808, 461877, 468968, 468969, 461876, 468978, 21468967, 21468975, 21468976, 339952, 339961 u 361387 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok.**

**A, B, C, D, e, F, G, H, I, J, K u L), liema servizzi gew installati f'diversi postijiet, rispettivament u dana kif jirrizulta mill-anness Dok. M, N, O, P, Q, R, S, T, U, V, W, X, Y, Z u Z1);**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------